MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 177/1997/1

Raymond **SALIBA**

vs

**CONCRETE MIX LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Jannar, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib, jekk meħtieġ billi tqabbad perit għal dan il-

għan, li l-konkos li pprovdietlu l-kumpannija mħarrka fil-21 ta' Awissu, 1995, ma kienx magħdum skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti, ma kienx tal-kwalita' miftehma, u ma kienx tajjeb għall-użu li kien maħsub għalih; (b) issib li l-kumpannija mħarrka taħti għad-danni mġarrbin minnu minħabba l-imsemmija nuqqasijiet; u (ċ) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex tħallsu s-somma ta' elfejn tliet mija u tmienja u għoxrin lira Maltin u erba' ċenteżmi (Lm 2,328.04)[1] li tirrappreżenta d-danni mġarrba minnu bi ħtija tal-istess kumpannija mħarrka. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fis-6 ta' April, 1998 li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex bejnha u l-attur kien hemm biss relazzjoni ta' bejgħ u mhux ta' appalt u għalhekk ir-rimedju mfittex messu kien wieħed li taħseb għalih il-liġi tal-bejgħ fl-artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili, u li, f'kull każ, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sitt (6) xhur maħsuba fl-artikolu 1431 tal-istess Kodiċi. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-konkos supplit minnha kien tajjeb u aċċettat mill-istess attur, u li hija ma ndaħlet fuq l-ebda parir dwar il-kwalita' tal-konkos supplit billi din kienet ir-responsabbilta' waħdanija tal-perit inkarigat mill-binja, u hija ipprovdiet konkos skond kif intalbet tagħmel;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' Novembru, 1998[2], li bih ħatret lill-Avukat Mariella Gonzi bħala Assistent Ġudizzjarju, liema ħatra tħassret b'degriet ieħor tal-10 ta' Novembru, 1999[3];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Novembru, 1999, li bih ħatret lill-Perit Arkitett Alan Saliba bħala perit tekniku;

Rat ir-Relazzjoni tal-espert tekniku mressqa fit-13 ta' Jannar, 2003[4], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-6 ta' Marzu, 2003;

---

[1] Li jġibu € 5,422.87 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 25 tal-proċess
[3] Paġ. 33 tal-proċess
[4] Paġġ. 52 sa 82 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Mejju, 2003[5], li bih laqgħet talba tal-attur biex jitħalla jressaq lill-perit tekniku b'xhud tiegħu in eskussjoni;

Rat in-Nota maħlufa mressqa mill-perit tekniku fit-8 ta' Jannar, 2004[6], bit-tweġibiet għall-mistoqsijiet magħmulin lilu mill-attur fin-Nota tiegħu tat-30 ta' Settembru, 2003[7];

Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-imsemmi perit waqt is-smigħ tal-4 ta' Frar, 2004;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal danni minħabba provvista ta' materjal (konkos) ħażin. L-attur jgħid li xtara tliet konsenji ta' konkos mingħand il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "CML") għal proġett ta' bini li huwa kien qed itella' fl-Imqabba, imma dak il-konkos kien maħdum bla kont, ma kienx skond kif kien miftiehem u ma kienx tajjeb għall-użu li kien intalab. Jgħid li kellu jerġa' jaqla' s-saqaf li kien ingħata bl-imsemmi konkos u daħal f'nefqa biex xtara konkos ieħor tajjeb mingħand ħaddieħor. Billi jqis li CML naqset li twettaq dak li kien ordnalha, huwa jgħid li hija trid tagħmel tajjeb għad-danni mġarrbin minnu. Huwa jitlob li CML tkun kundannata tħallsu d-danni;

Illi CML laqgħet għall-azzjoni attriċi billi eċċepiet b'mod preliminari n-nuqqas ta' siwi tal-azzjoni attriċi u l-preskrizzjoni tas-sitt xhur. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija biegħet konkos tajjeb u ta' kwalita', skond ma kienet

[5] Paġ. 121 tal-proċess
[6] Paġġ. 129 sa 135 tal-proċess
[7] Paġġ. 122A – 5 tal-proċess

intalbet tipprovdi, u bla ma hija ndaħlet biex tagħti parir dwar l-użu tiegħu, liema deċiżjoni kienet kompetenza u responsabbilta' biss tal-perit imqabbad biex jissorvelja l-bini;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur hu kuntrattur li kien qiegħed itella' binja fuq sit fi Triq il-Ħajt tal-Matla, fl-Imqabba, ġid ta' wieħed George Galea minn Ħal Għargħur. Meta ġew biex isiru s-soqfa fuq il-livell tat-terran li nbena, l-attur ordna sebgħa u għoxrin jarda kuba (27jd$^3$) ta' konkos fi tliet kunsinni mingħand CML fil-21 ta' Awissu, 1995[8], għall-prezz sħiħ ta' Lm 404.11[9]. Dawk il-kunsinni twasslu f'ħinijiet differenti matul il-jum u bihom tferrxu fuq l-imsemmija soqfa, t-taraġ li jagħti mil-livell tat-triq għall-ewwel sular u kif ukoll madwar il-bir fil-bitħa tal-istess sit. Il-konkos twassal sal-post b'vetturi ta' CML, li ipprovdiet ukoll il-krejn biex il-konkos jittella' sal-livell tal-bejt li kien qed jingħata;

Illi waqt li kien għadu għaddej ix-xogħol, sid is-sit xtaq ibiddel il-bixra tat-taraġ li kien jagħti għal fuq u, hu u jħottu, sab li dan beda jitfarrak malajr bħallikieku kien torba. Minbarra dan, madwar sitt xhur wara li kien tqiegħed il-konkos, ix-xibka tas-saqaf li kien ingħata u tat-taraġ li jagħti għal fuq faqqgħet. Is-sid talab lill-perit tiegħu biex jagħtih ċertifikat li l-konkos kien jiflaħ il-bini li kien qiegħed jittella' fuqu;

Illi permezz ta' ċertifikat maħruġ fis-26 ta' Marzu, 1996[10], instab li f'kampjun tas-saqaf li ntbagħat lil ditta għal analiżi ma nstab li kien hemm l-ebda azzar u li s-saħħa ta' dak il-kampjun kienet ta' sitta punt tlieta *newtons* kull millimetru kwadru (6.3N/mm$^2$). Fuq talba tas-sid, reġa' sar test ieħor fil-post (permezz ta' *Schmidt hammer test*) mill-istess ditta f'Mejju tal-1996[11]. L-attur qabbad lill-perit li kien responsabbli mill-binja biex jiċċertifika l-kwalita' tal-konkos li ntuża għas-saqaf tal-ewwel sular. Huwa ħareġ ċertifikat fl-4 ta' Ottubru, 1996[12];

[8] Dokti "A", "B" u "Ċ" u "M1" sa "M3",f'paġġ. 6 – 8 u 25 – 7 tal-proċess
[9] Li jġibu € 941.32 fi flus tal-lum
[10] Dok "E", f'paġ. 10 tal-proċess
[11] Dok "TS3a", f'paġ. 86 tal-proċess
[12] Dok "D", f'paġ. 9 tal-proċess

Illi fuq talba tas-sid Galea, l-attur kien reġa' qala' s-saqaf u reġa' tah b'konkos li l-istess sid kien ġab mingħand ditta oħra. Dan sar wara li l-bini kien tkompla u wasal sal-livell tal-bejt. Biex inqala' s-saqaf, l-attur kellu jieħu miżuri speċjali biex jirfed il-bini[13];

Illi CML ma riditx taċċetta li l-konkos li ikkonsenjat ma kienx tajjeb u lanqas aċċettat proposta tal-attur li terġa' tissupplixxi konkos tajjeb bi spejjeż għaliha. Il-kawża nfetħet f'Jannar tal-1997;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> tal-każ, jidher li qabel xejn huwa meħtieġ li l-Qorti tqis il-qafas legali tal-kwestjoni. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-**ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari** ta' CML;

Illi bl-**ewwel eċċezzjoni preliminari** CML tgħid li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex hija ma kellha l-ebda appalt mal-attur, imma l-provvista tat-tliet vjaġġi konkos kienu bejgħ sempliċi. Minn hawn hija ttenni li hija ma tistax tkun passibbli għad-danni lejn l-attur u l-għażliet li l-attur kellu skond il-liġi kienu r-rimedji mogħtija mil-liġi fuq id-difetti redibitorji;

Illi din l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa, u dan minkejja li l-attur imkien ma jgħid li l-azzjoni tiegħu hija mibnija fuq l-appalt, u minkejja wkoll li f'xi mindaqqiet m'hijiex ħaġa ta' barra minn hawn li d-differenza bejn kuntratt ta' appalt u kuntratt ta' bejgħ-u-xiri ma jingħarfux daqstant malajr minn xulxin[14]. Il-Qorti tqis li fil-każ tal-lum ma jidhirx li jmissu jkun hemm wisq dubju li l-kuntratt bejn l-attur u CML kien wieħed ta' bejgħ-u-xiri;

Illi l-azzjoni tal-attur hija waħda mibnija fuq il-bejgħ ta' ħaġa li ma tkunx tal-kwalita' miftehma u mhux azzjoni dwar il-garanziji għal difetti mistura tal-ħaġa mibjugħa. Fi kliem ieħor, l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-ftehim bejnu u CML. L-effett tan-nuqqas ta'

---

[13] Xhieda ta' Ronald Gafa' 14.2.2001, f'paġ. 98 tal-proċess

[14] Ara, per eżempju, P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Marcel Paċe Asciaq noe vs Joseph Camilleri et***

twettiq ta' obbligazzjoni jnissel il-jedd tal-kreditur ta' dik l-obbligazzjoni li jitlob id-danni mingħand il-parti l-oħra li tkun naqset milli twettaq dik ir-rabta tagħha[15]. Dan jgħodd ukoll fil-kuntratt tal-bejgħ-u-xiri[16]. F'azzjoni bħal din, meta l-ħaġa ma tkunx tal-kwalita' miftehma, ix-xerrej dejjem jista' jitlob it-tħassir tal-kuntratt minkejja li jkun diġa' laqa' għandu l-ħaġa mixtrija[17];

Illi l-argument ta' CML li f'azzjoni ta' bejgħ ma jingħatax ir-rimedju tad-danni lix-xerrej m'huwiex argument tajjeb. F'dan il-każ, l-attur qiegħed jippretendi d-danni minħabba li kellu jerġa' jneħħi s-soqfa li ngħataw bil-konkos mibjugħ minn CML u li ntwera li kien dgħajjef u kellu jerġa' jagħmlu mill-ġdid. Din in-nefqa li daħal għaliha hija dokumentata[18]. Minbarra dan, huwa stabilit li d-danni li jista' jitlob ix-xerrej minħabba li l-ħaġa mibjugħa ma tkunx tal-kwalita' miftehma m'humiex biss dawk id-danni li l-liġi tagħti fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni[19], iżda wkoll dawk li wieħed jista' jqiegħed taħt it-tifsira wiesgħa tal-kunċett u li saħansitra tgħodd fiha wkoll ir-radd lura tal-prezz imħallas[20];

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u qiegħda tqis li l-azzjoni attriċi saret sewwa;

Illi t-**tieni eċċezzjoni** tintrabat mal-ewwel waħda. Ladarba l-azzjoni attriċi m'hijiex mibnija fuq il-garanzija redibitorja, ma jgħoddx għaliha ż-żmien imsemmi fl-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili, imma żmien ieħor maħsub mil-liġi għall-azzjoni ta' tħassir tal-kuntratt tal-bejgħ taħt l-artikolu 1390 u li jipprovdi għal żmien itwal li żgur ma jgħoddx fil-każ tal-lum[21];

Illi għalhekk lanqas it-tieni eċċezzjoni m'hi sejra tintlaqa';

---

[15] Artt. 1125 u 1133 tal-Kap 16
[16] Art. 1390 tal-Kap 16
[17] App. Inf. **18.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Natasha Grech vs G.I. Trading Ltd.***
[18] Dok "F", f'paġġ. 11 – 2 tal-proċess
[19] Art. 1135 tal-Kap 16
[20] App. Inf. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Francica vs Luke Piscopo et***
[21] Art. 1407 tal-Kap 16

Illi dwar **il-mertu tal-azzjoni attriċi** diġa' ssemma li l-attur qiegħed jippretendi li CML ma bagħtitlux konkos li kien skond dak miftiehem u li ma kienx tajjeb għall-użu li għalih kien maħsub. Mill-provi li ħarġu jirriżulta li dak inhar li ngħata l-konkos fis-sit, kienu saru tliet konsenji differenti f'ħinijiet differenti. Meta faqqgħet ix-xibka, kien ittieħed kampjun biex issir prova fuqu u kienet ukoll saret prova b'damdim permezz ta' *Schmidt Hammer*. Il-kampjun li ttieħed kien min-naħa li kienet tagħmel mill-ewwel kunsinna. L-eżami fil-laboratorju tal-kampjun mibgħut wera li l-konkos kien dgħajjef wisq meta mqabbel mas-saħħa li suppost kellu. Jidher li sa ma twasslet l-ewwel kunsinna ttieħed xi ħin aktar minn kem mistenni, minbarra li meta twassal fejn is-sit, kellhom jistennew għal xi ħin ieħor sakemm wasal il-krejn li seta' jtella' l-konkos biex jitferrex. It-trasport u l-mezzi tat-titligħ tal-konkos kienu provduti minn CML;

Illi l-perit tekniku (fuq il-bażi tal-eżami li sar fil-laboratorju) wasal għall-fehma li l-konkos ma kienx tal-kwalita' miftehma, u kien wisq idjaf minn dak li kien meħtieġ għall-binja li kienet tielgħa. Sa hawnhekk, l-attur għandu raġun jgħid li l-konkos mibjugħ ma kienx tal-kwalita' miftehma u lanqas ma kien tajjeb għall-użu li għalih kien inxtara. Iżda mill-istess eżami, irriżulta li l-kampjun mibgħut wera li kien hemm fil-ħxuna tas-saqaf bħal "ħofra ta' arja". Għall-perit tekniku, dan kien ifisser li, meta l-konkos twassal fuq il-post u beda jitferrex, ma xxekkikx sewwa u dan minkejja l-kwalita' ta' konkos provdut. Ix-xekkik ma kellha x'taqsam xejn miegħu CML, imma l-attur u n-nies li kienu qegħdin jaħdmu miegħu dak il-ħin;

Illi mbagħad, filwaqt li l-perit tekniku seta' jagħmel kostatazzjonijiet dwar l-ewwel konsenja, ma setax jasal għal fehma dwar it-tieni konsenja, u dan għaliex l-eżami li kien sar fil-laboratorju kien jirrigwarda kampjun wieħed li ttieħed minn banda tal-post li kienet saret bl-ewwel konsenja, u għaliex sakemm infetħet il-kawża s-saqaf kien tneħħa u nbidel b'ieħor, għajr għal f'naħa ċkejkna fejn hemm id-doċċa. Kemm hu hekk, il-perit irrakkomanda[22] li

[22] Paġ. 76 tal-proċess

jittieħed kampjun minn dik in-naħa biex wieħed jara jekk kemm-il darba l-konkos imwassal fit-tieni konsenja kienx bħal dak imwassal fl-ewwel konsenja. Irriżulta, madankollu, li wkoll fis-saqaf tal-imsemmija doċċa x-xibka nqasmet u kellhom jitqegħdu travi biex jirfdu dak is-saqaf. Dwar it-tielet konsenja, l-perit ma ressaq l-ebda kumment billi l-attur ma jidhirx li ressaq ilment dwaru u billi l-postijiet fejn tferrex dak il-konkos ma wrew l-ebda ħsarat;

Illi l-Qorti tifhem li jaqa' fuq l-attur id-dmir li jipprova dak li jallega. Kien jaqa' fuqu li juri li l-konkos supplit fuq talba tiegħu minn CML kien tassew difettuż. Il-Perit tekniku għamilha ċara li "konsenji separati jista' jkollhom kwalita' differenti ta' konkos għalkemm dawn ikunu ġejjin mill-istess *batching plant*"[23]. Dan jieħu tifsira iżjed meta wieħed iqis li l-kwalita' ta' konkos li jitferrex f'post tista' tkun determinata wkoll mill-ħin li jittieħed sakemm jinġarr fuq il-post u l-kundizzjoni li jinżamm fiha hu u jinġarr. Il-fatt li l-attur seta' ipprova li l-konkos li ntbagħtlu fl-ewwel konsenja kien ħażin, ma jfissirx awtomatikament li dak mibgħut fiż-żewġ konsenji ta' wara kien bħalu. Iżda fil-fehma tal-Qorti jeżistu żewġ ċirkostanzi ta' prova li jistgħu jitfgħu dawl fuq din it-tieni konsenja mingħajr ma l-Qorti twettaq is-suġġeriment tal-perit tekniku u tordna (mhux b'nefqa żgħira) li jittieħdu kampjuni oħrajn mill-kamra tad-doċċa biex isir eżami fuqhom ukoll. Dawn iż-żewġ fatti huma: li meta saru x-*Schmidt hammer tests* fl-inħawi fejn tferrex il-konkos tat-tieni konsenja, dawn ukoll ġieli wrew riżultat li l-konkos ma tellax il-medja minima ta' għoxrin *newton* kull millimetru kwadru meħtieġ għas-saħħa tas-soqfa[24]. Dan il-fatt ikkonfermah ukoll il-perit tekniku fit-tweġibiet tiegħu meta ttella' bħala xhud eskuss, għalkemm saħaq li provi bħal dawk m'humiex konklussivi għall-finijiet ta' saħħa tal-konkos[25]. It-tieni ċirkostanza fattwali hi li s-saqaf tad-doċċa (li l-konkos mogħti fuqu kien jagħmel mit-tieni konsenja) ntrifed minn travetti minħabba li kien qasam ukoll;

[23] Paġ. 73 tal-proċess
[24] Ara d-Dok "TS3a" f'paġ. 86 tal-proċess
[25] Paġ. 134 tal-proċess

Illi f'dan il-waqt il-Qorti taqbel ukoll mal-fehma tal-perit tekniku[26] li CML ma tistax tistkenn wara l-firma tal-konsenja magħmula mill-attur fuq il-fattura bħala aċċettazzjoni min-naħa tiegħu tal-kwalita' tajba tal-konkos supplit. Kif ingħad, il-kwalita' tal-materjal ma setgħetx tingħaraf mad-daqqa t'għajn, iżda biss wara li jkun għadda ċertu żmien wara t-tqegħid tas-soqfa;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li l-attur għandu raġun jgħid li l-konkos mibjugħ lilu minn CML ma kienx tal-kwalita' miftehma (għallanqas fl-ewwel żewġ konsenji) u lanqas ma kien tajjeb għall-użu li għalih kien maħsub;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba u sejra twarrab it-tielet eċċezzjoni bħala mhix tajba;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **it-tieni talba attriċi**. L-attur jgħid li, bħala konsegwenza diretta tal-kunsinna difettuża tal-konkos, ġarrab telf minħabba li kellu jerġa' jaqla' s-saqaf u jerġa' jarmah. Biex ġara dan, sid il-post xtara konkos mingħand ħaddieħor u żamm in-nefqa li saret mill-ħlas li l-attur kellu jirċievi bħala kuntrattur li bena l-post;

Illi l-Qorti taqbel li ladarba l-konkos mibjugħ ma kienx tajjeb, dan jissarraf f'inadempiment min-naħa ta' CML. Kif imgħad qabel u biex ma jerġax isir l-istess kliem, dak l-inadempiment jagħti lok għar-responsabbilta' għad-danni. L-attur fisser li d-danni tiegħu ikkwantifikahomlu l-perit li kien imqabbad biex jissorvelja l-bini u qiegħed jippretendi li CML tikkumpensah tagħhom;

Illi meta l-perit tekniku għadda biex jgħarbel id-danni pretiżi, sab li wħud mill-partiti ma kinux mistħoqqa, u dan għaliex mill-provi mressqa ma ngħatatx raġuni tajba għaliex messhom jissemmew bħala danni meta ma kienx posthom f'dak il-prospett[27]. Iżda, f'dan il-każ, hemm ċirkostanza oħra li din il-Qorti trid tqis sewwa. Ġara li, meta ttieħed il-kampjun tas-saqaf għall-eżami, nstabet fih

[26] Ara paġ. 71 tal-proċess
[27] Ara paġġ. 77 – 80 tal-proċess

ħofra tal-arja li l-perit tekniku fissirha bħala xhieda li x-xekkik tas-saqaf sar ħażin. B'hekk wasal għall-fehma li s-saqaf ma ngħatax tajjeb u l-attur kien jaħti għal nofs id-danni mġarrbin minnu. Din il-fehma qanqlet in-nuqqas ta' qbil mill-attur u nisslet l-eskussjoni li saret wara li nfetaħ ir-Rapport peritali;

Illi dwar il-fehmiet tal-perit dwar il-partiti mhux mistħoqqa, din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li taċċettahom u taqbel mal-fehma murija mill-perit maħtur minnha. Hija sejra tqishom meta tagħmel il-likwidazzjoni finali. Hija ħaġ'oħra l-kwestjoni tal-"kontributorjeta'" tal-attur minħabba x-xogħol li ma għamilx għal kollox tajjeb hu. L-għaref difensur tal-attur ikkontestat din il-fehma, billi qalet li l-perit mar lil hinn mill-ħatra tiegħu (li kienet limitata biex jgħid jekk il-konkos mibjugħ kienx tassew tajjeb jew le) u wkoll minħabba l-fatt li CML ma ressqet l-ebda allegazzjoni ta' kontributorjeta' min-naħa tal-attur u lanqas imqar ressqet kontro-talba għall-azzjoni attriċi;

Illi l-Qorti tasal biex taqbel mas-sottomissjoni tal-attur, u għalkemm tagħraf li l-perit tekniku kien motivat minn sentiment ta' lejalta' meta daħal fil-kwestjoni tal-kontributorjeta' għaliex "ħassejtni fid-dmir li nirrelata fis-sħiħ dwar ix-xhieda mressqa u għalhekk ninkludi dan il-fattur ukoll fir-relazzjoni tiegħi"[28], hija tħoss li għandha titbiegħed minn dik il-fehma. Fl-ewwel lok, il-kwestjoni tal-kontributorjeta' tal-attur hija kwestjoni ta' bixra legali u mhux teknika li trid titqies fil-qafas tal-azzjoni li tressqet u tal-kontestazzjoni għal dik l-azzjoni. Fit-tieni lok, il-qofol tal-azzjoni kien jekk il-konkos mibjugħ lill-attur kienx skond il-kwalita' miftehma. Il-Qorti ma ntwerietx li l-kwalita' tal-konkos kienet titjieb li kieku l-attur u n-nies tiegħu xekkewh sewwa meta tferrex fil-post. Jidher li wkoll kieku l-konkos ixxekkek sewwa, id-dgħufija tiegħu kienet tibqa' hemm. Huwa dan li kellu jkun determinat fl-azzjoni kif imressqa mill-attur u l-kwestjoni tal-"*workmanship*" tista' tkun irrilevanti għad-determinazzjoni tal-kwalita' tal-konkos mibjugħ;

[28] Paġ. 131 tal-proċess

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li filwaqt li l-attur m'għandux jedd jitlob kumpens għal spejjeż li ma sarux, jistħoqqlu jirċievi kumpens fuq il-partiti l-oħrajn kollha bla ebda tnaqqis, għaliex dik in-nefqa kienet l-effett dirett tal-inadempiment kuntrattwali min-naħa ta' CML;

Illi għalhekk, it-tieni talba attriċi sejra tintlaqa';

Illi minħabba dan kollu, lanqas ir-**raba' eċċezzjoni** ma hija mistħoqqa. Ir-rabta ta' CML li tbigħ u tforni lill-attur b'konkos tajjeb ma għandha x'taqsam xejn mar-responsabbilta' tal-perit inkarigat biex jieħu ħsieb il-bini. CML ma ntalbitx pariri, imma ntalbet tissupplixxi konkos li kien maħsub għas-soqfa u li irriżulta li ma kienx tajjeb. Hawn tidħol ir-responsabbilta' ta' CML u f'dan ir-rigward l-atti tal-kawża juru li naqset;

Illi għar-rigward tat-**tielet talba attriċi** jidher li l-perit tekniku illikwida s-somma ta' Lm 1,162.89 (€ 2708.82) dwar l-ewwel konsenja u Lm 636.30 (€ 1482.18) dwar it-tieni konsenja. F'dawn l-ammonti ma qiesx it-Taxxa dwar il-Valur Miżjud. B'hekk, l-ammont sħiħ ta' dannu mġarrab mill-attur jitla' għal erbat elef mija u wieħed u disgħin euro (€ 4191) li miegħu jiżdied l-ammont relattiv ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Illi minħabba li s-somma ntalbet mill-attur sa minn meta fetaħ il-kawża, m'huwiex il-każ li *in illiquidis non fit mora* u għalhekk l-imgħaxijiet imisshom jgħaddu minn dak inhar li CML laqgħet in-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni, jiġifieri fi Frar tal-1998;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet** preliminari tal-kumpannija mħarrka, għaliex m'humiex mistħoqqa fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-konkos mibjugħ mill-kumpannija mħarrka u supplit lill-attur ma kienx tal-kwalita' miftehma u lanqas tajjeb għall-użu li għalih kien maħsub;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka taħti għad-danni mġarrba mill-attur minħabba li naqset li twettaq l-obbligazzjoni li hija ntrabtet biha mal-attur;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur fis-somma ta' erbat elef mija u wieħed u disgħin euro (€ 4191), flimkien mar-rata ta' Taxxa dwar il-Valur Miżjud u mal-imgħaxijiet legali b'seħħ mid-9 ta' Frar, 1998, sal-jum tal-ħlas effettiv, u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-attur dik is-somma;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** l-oħrajn fil-mertu għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż kollha tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------